# Bord Li Jirregola l-Kera
## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Nru. 756/2021 LC**

**JERRY EMANUEL CAMILLERI**
(K.I. 68513L)

**VS**

**TEUN WILLEM STIGTER**
(K.I. 54584A)

**Illum, 23 ta' Ġunju, 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Jerry Emanuel Camilleri datat l-20 ta' Ottubru 2021 fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil dan il-Bord jogħġbu:-

1. Jiddikjara li l-intimat naqas milli jħallas il-kera u l-kontijiet tad-dawl u l-ilma għall-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru 2021 relattiv għall-fondi fuq imsemmija;

2. Jiddikjara illi s-somma dovuta mill-intimat lir-rikorrenti komplessivament jammonta għal tlettax-il elf, disa' mija u tmenin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€13,980.58);

3. Jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u tmenin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€13,980.58)

> Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali Nru 1805/2021 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1692/2021 u bl-interessi skond il-liġi kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subbizzjoni.

Ra illi l-intimat ġie notifikat personalment b'dawn il-proċeduri fil-11 ta' Frar 2022[1] iżda minkejja dan hu la daħħal risposta u lanqas deher sabiex jiddefendi l-posizzjoni tiegħu kontra t-talbiet attriċi;

Ra illi minkejja li l-intimat ingħata seduta sabiex iressaq il-provi tiegħu, huwa naqas milli jagħmel dan u lanqas biss deher għas-seduta;

Sema' x-xhieda prodotta;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti;

Ra illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkonsidra,

Illi r-retroxxena tal-każ odjern hi li permezz ta' skrittura lokatizzja datata d-29 ta' Settembru 2016[2], ir-rikorrenti kkonċeda lill-intimat b'titolu ta' kera il-ħwienet enumerati (2) u (3) fi Triq Karmen Mikallef Buħagiar, Ħaż-Żebbuġ (Malta) u dan għal perjodu ta' sitt snin fuq bażi "di fermo" liema konċessjoni kellha tittermina fil-31 ta' Diċembru 2022 u dan versu l-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipolati.

Illi apparti din il-kirja, ir-rikorrenti permezz ta' skrittura lokatizzja oħra datata t-2 ta' Awwissu 2018[3] ikkonċeda lill-intimat b'titolu ta' kera il-ħanut bin-numru 11, Triq Dun Ġużeppi Bonanno, Ħaż-Żebbuġ (Malta) u dan għall-perjodu ta' sentejn fuq bażi "di fermo", liema konċessjoni tterminat fil-31 ta' Diċembru 2020 u dan versu l-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipolati.

Illi jirriżulta li l-intimat naqas li jħallas il-kera dovuta fuq dawn iż-żewġ fondi. Filfatt, ir-rikorrenti jikkonferma bil-ġurament tiegħu li rigward il-fondi nru 2 u 3 fi Triq Karmen Mikallef Buħagiar, Ħaż-Żebbuġ (Malta), l-intimat naqas li jħallas il-kera għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2021 u t-30 ta' Settembru 2021 ammontanti għal €8,896.26 filwaqt li għall-fond numru 11, Triq Dun Ġużeppi Bonanno, Ħaż-Żebbuġ (Malta), l-intimat naqas li jħallas il-kera għall-istess perjodu, ammontanti għal €4,744.98. Illi b'żieda ma dawn l-ammonti, l-intimat

[1] Ara fol. 20 a tergo, tal-atti proċesswali.
[2] Ara fol 5 tal-atti proċesswali.
[3] Ara fol. 10 tal-atti proċesswali.

naqas ukoll li jħallas is-somma ta' €339.34 rappreżentanti kontijiet tas-servizzi tal-elettriku u ilma għal dawn l-imsemmija fondi.

B'hekk l-ammont totali dovut mill-intimat bħala kera u kontijiet pendenti huwa ta' €13,980.58.

Illi għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt li dawn l-ammonti ġew ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors tiegħu, ir-rikorrenti jitlob ukoll l-ispejjeż rigwardanti l-ittra uffiċjali Nru 1805/2021 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nurmu 1692/2021 u l-interessi skont il-liġi.

Illi r-rikorrenti naqas li jippreżenta prova ta' notifika pożittiva tal-ittra uffiċjali msemmija. Illi ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord ser iqis id-data tan-notifika tal-atti odjerni bħala dak il-jum illi fiħ saret is-sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, liema data hija l-11 ta' Frar 2022.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-kawża preżenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara li l-intimat naqas milli jħallas il-kera u l-kontijiet tal-elettriku u l-ilma għall-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru 2021 relattiv għall-fondi enumerati (2) u (3) fi Triq Karmen Mikallef Buħagiar, Ħaż-Żebbuġ (Malta) u l-fond enumerat 11, Triq Dun Ġużeppi Bonanno, Ħaż-Żebbuġ (Malta);

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara illi s-somma dovuta mill-intimat lir-rikorrenti tammonta għal tlettax-il elf, disa' mija u tmenin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€13,980.58);

3. Jilqa' t-tielet talba u jikkundanna lill- Teun Willem Stigter iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u tmenin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€13,980.58) bl-imgħax legali dekorribbli mill-11 ta' Frar 2022.

Bl-ispejjeż, tal-preżenti kif ukoll tal-ittra uffiċjali bin-numru 1805/2021 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nurmu 1692/2021 ikunu a karigu esklussiv tal-intimat.

Ft/Dr Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur.**